IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 39/24

**Il-Lussemburgu, 1 ta' Marzu 2024**

# Żjara fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-President tar-Repubblika Ċeka, Petr Pavel

Il-President tar-Repubblika Ċeka, is-Sinjur Petr Pavel, illum wettaq żjara fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Huwa kien akkumpanjat mis-Sinjuri Milan Vašina, Kap tal-Kabinett, Uffiċċju tal-President, Jaroslav Zajíček, Direttur għall-Affarijiet Barranin, Uffiċċju tal-President, Vladimír Bärtl, Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju tar-Repubblika Ċeka mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, u Ronald Dofing, Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu mar-Repubblika Ċeka.

Filwaqt li ġie milqugħ mis-Sinjuri Koen Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Jan Passer, Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja, Petra Škvařilová-Pelzl u David Petrlík, Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, is-Sinjur Pavel ġie mistieden jiffirma l-Ktieb tad-Deheb tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Wara li żar is-Sala Prinċipali tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa tkellem mal-President Lenaerts fil-preżenza tas-Sinjuri Eduard Hulicius, Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin, Vašina, Bärtl, Dofing, Zajíček, Passer, Marc van der Woude, President tal-Qorti Ġenerali, Škvařilová-Pelzl u Petrlík.

Finalment, is-Sinjur Pavel u d-delegazzjoni Ċeka ltaqgħu ma membri tal-persunal ta' nazzjonalità Ċeka tal-Istituzzjoni fis-Salle des pas perdus quddiem il-pittura Na cestě tal-pittriċi Ċeka Míla Doleželová.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355

**Ibqgħu konnessi!**